MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 274/2019 LM

**L-Avukat Dottor Stephen Muscat (K.I. nru. 420772(M)) bħala mandatarju speċjali ta' Safwan Kalih (K.I. nru. 106603A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **l-Avukat Dottor Stephen Muscat (K.I. numru 420772(M)) bħala mandatarju speċjali ta' Safwan Kalih (K.I. nru. 106603A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant nomine'] minn deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Jannar, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'],

mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha wara li kkonsidra l-artikolu 13(a) tal-Kap. 380, u wara li ra li la l-appellant u lanqas il-mandatarju tiegħu ma dehru għas-seduta, irriġetta t-talba tal-appellant nomine fil-konfront tal-intimati I**s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Ġiljan** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], bl-ispejjeż kontrih u ordna l-kanċellament tal-kawża minn fuq il-lista tiegħu. Permezz tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2021, din il-Qorti ddeċidiet billi ħassret u annullat id-deċiżjoni appellata u *ai termini* tas-subartikolu 8(4) tal-Kap. 380 ordnat sabiex il-kawża tkompli tinstema' fil-mertu quddiemha, filwaqt li rriżervat l-ispejjeż tal-proċeduri għas-sentenza finali.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw il-pagament ta' elf Euro (€1,000) li l-appellant Safwan Kalih [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] ħallas lil Roc-A-Go Crane Services Limited għal *towing* u kustodja ta' vettura tal-għamla 'Mazda Demio' bin-numru ta' reġistrazzjoni HBU 107, proprjetà tiegħu, wara l-imsemmija vettura tneħħiet mit-triq fejn kienet ipparkeġġjata.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant nomine ntavola proċeduri fil-konfront tal-appellati quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fil-25 ta' Settembru, 2019, u dan għall-ħlas tas-somma ta' elf Euro (€1,000.00) rappreżentanti rifużjoni tas-

somma mħallsa mill-appellant lil Roc-A-Go Crane Services Limited, u dan bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribbli skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-appellati wieġbu fid-29 ta' Ottubru, 2019 fejn issottomettew (a) l-appellant aġixxa kontra l-liġi meta ħalla l-vettura pparkeġġjata fejn kien hemm sinjal 'no parking'; (b) l-appellant kien l-awtur tad-danni li allegatament ġarrab, u dan riżultat tal-aġir illegali tiegħu; (ċ) l-appellati kienu infurzaw avviż legali; (d) it-talbiet tal-appellant nomine kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt; (e) salv eċċezzjonijiet oħra.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

5. **Paul Spiteri**, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan [minn issa 'l quddiem 'il-Kunsill Lokali'] xehed quddiem it-Tribunal waqt l-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2020, li l-vettura tar-rikorrent ġiet irmunkata għaliex kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet ta' kostruzzjoni fit-triq inkwistjoni. Qal li xi żmien qabel kienet saret applikazzjoni lill-Kunsill Lokali minħabba li dawn ix-xogħlijiet kienu ilhom ippjanati, u għalhekk inħareġ avviż li ż-żona kienet qegħda tinbidel f'*tow zone.* Qal li l-avviż li fiż-żona ma jistax isir parkeġġ twaħħal fuq is-sit, u b'kollox twaħħlu madwar erba' avviżi. Ix-xhud qal li fid-9 ta' Novembru, 2018 ma setax isir parkeġġ, u l-avviż li fit-triq ma setax isir parkeġġ kien twaħħal almenu jumejn qabel. Qal ukoll li qabel il-vettura ġiet irmunkata, kien sar rapport lill-Pulizija, u bħala proċedura normalment il-Pulizija jippruvaw jikkuntattjaw lil sid il-vettura, u f'każ li dan ma jinstabx, jipproċedu bl-irmonk. Ix-xhud qal li f'każijiet bħal dawn

il-Pulizija ma tgħaddix dettalji tas-sid tal-vettura lill-Kunsill Lokali għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-data.

6. **PS 156 Ivan Attard** xehed quddiem it-Tribunal fl-14 ta' Settembru, 2020 fejn qal li huwa kien stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, meta daħal rapport minn sid il-vettura targata HBU 107 li din ma kinitx għadha fl-istess post fejn kienet ġiet ipparkjata. Ix-xhud qal li huwa ċċekkja mas-sistema tal-kompjuter, u minn hemm ma rriżultalux li l-vettura kienet ġiet irmonkata. Sid il-vettura qal li anki minn Transport Malta ma kien ingħata l-ebda indikazzjoni li l-vettura ġiet irmunkata. Qal li għalhekk għamel rapport li l-vettura kienet ġiet misruqa. Ix-xhud qal li wara li l-appellant qallu li kien irċieva telefonata fejn intalab jiġbor il-vettura u jħallas il-multa relattiva, huwa kien reġa' vverifika li ma kien sar l-ebda rapport lill-Pulizija min-naħa tal-Kunsill Lokali. Qal li lanqas il-kollegi tiegħu li jaħdmu fl-istess Għassa ma kellhom informazzjoni li kien daħal xi rapport min-naħa tal-Kunsill Lokali fir-rigward ta' din il-vettura. Żied jgħid li f'dan il-każ l-irmonk tal-vettura sar direttament mill-Kunsill Lokali, u ma kien hemm l-ebda involviment tal-Pulizija. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li dak iż-żmien l-uniċi entitajiet li kienu jirmonkaw vetturi kienu Transport Malta u l-Pulizija, għalkemm qal li ma kienx jaf jekk f'dan il-każ il-Kunsill Lokali kienx awtorizzat jirmonka l-vettura.

7. **Raisa Micallef**, impjegata ma' Roc-A-Go Limited qalet li l-appellant ħallas elf Euro (€1,000) sabiex il-vettura setgħet tiġi rilaxxata lura lilu. Qalet li l-kumpannija kienet irċeviet komunikazzjoni mill-Kunsill Lokali li kien hemm vettura pparkjata f'*tow zone*, u kien għalhekk li huma marru biex jirmunkawha.

Ix-xhud qalet li l-uniku rapport li daħal kien min-naħa tal-Kunsill Lokali, u huma bħala kumpannija tal-irmonk m'għamlu l-ebda kuntatt ma' sid il-vettura. Ix-xhud qalet li l-istruzzjonijiet għall-irmonk tal-vettura ngħataw kemm bit-*telephone* kif ukoll permezz ta' *email,* iżda ma sar l-ebda kuntatt ma' sid il-vettura. Kompliet tgħid li l-vettura damet ħafna fil-pussess tal-kumpannija u għalhekk madwar ġimgha wara hija għamlet sensiela ta' telefonati lill-Kunsill Lokali sabiex tara sid il-vettura meta kien sejjer jiġborha. Qalet li l-ħlas li jintalab lis-sid meta dan imur jiġbor il-vettura tiegħu, jiġi kkalkolat skont in-numru ta' ġranet li l-vettura tibqa' fil-pussess tal-kumpannija. Kompliet tgħid li f'dan il-każ partikolari kien hemm xi lmenti, u wara ġie deċiż li l-ammont li kellu jħallas ir-rikorrent kellu jitnaqqas għal elf Euro (€1,000) minn elf, mitejn u erbgħin Euro (€1,240).

8. **Safwan Kalih** fl-*affidavit* tiegħu xehed li fit-8 ta' Novembru, 2018, huwa kien ħalla l-vettura pparkeġġjata f'*parking bay* fi Triq il-Kbira, San Ġiljan, u kuntrarjament għal dak li xehdu rappreżentanti tal-Kunsill Lokali, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li fiż-żona ma setax isir parkeġġ. Qal li madwar tliet ijiem wara li kien ipparkja l-vettura f'din it-triq, huwa mar biex jiġborha, iżda sab li l-vettura ma kinitx għadha fil-post fejn huwa kien ħalliha. Kien għalhekk li huwa mar l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan u kkuntattja lil Transport Malta sabiex jara jekk kienx hemm xi indikazzjoni dwar din il-vettura fejn setgħet kienet, iżda l-ebda waħda minn dawn l-awtoritajiet ma setgħet tindikalu x'kien seħħ mill-vettura tiegħu. Qal li għalhekk huwa daħħal rapport mal-Pulizija li l-vettura tiegħu kienet insterqet. Kompla jgħid li għal numru ta' xhur huwa ma sema' xejn mingħand il-Pulizija dwar il-vettura, imma fit-12 ta' Marzu, 2019 huwa rċieva

telefonata li permezz tagħha ġie infurmat li l-vettura inkwistjoni kienet ġiet irmunkata, u għalhekk kellu jmur fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex jikseb aktar informazzjoni dwar il-vettura tiegħu. Qal li fit-13 ta' Marzu, 2019 huwa mar fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fejn ġie infurmat li kellu jħallas €70.80 bħala *towage fees,* u ġie infurmat ukoll li kellu jħallas €10 għal kull ġurnata tal-kalendarju li fiha din il-vettura kienet fil-pussess ta' Roc-A-Go Crane Services Limited. Qal li b'kollox huwa ħallas €1,000 wara li nnegozja għal tnaqqis fl-ammont mitlub. Ix-xhud qal li huwa qatt ma ġie nfurmat mill-Kunsill Lokali li l-vettura tiegħu kienet ġiet irmunkata, għaliex li kieku kien jaf kien imur jiġborha qabel, u kien nevita li jħallas €1,000.

9. Waqt l-udjenza quddiem din il-Qorti tat-22 ta' Settembru, 2021, xehed **PC1052 Brian Tonna** kif prodott mill-appellati. Qal li fit-12 ta' Novembru, 2018 għall-ħabta tat-8.00 ta' filgħodu, filwaqt li huwa kien xogħol fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, kien mar jagħmel rapport l-appellant li fit-8 ta' Novembru, 2018 huwa kien ħalla l-vettura tiegħu pparkjata, iżda kien qed jaħseb li serquhielu. Kien qallu li kien staqsa ma' Transport Malta jekk din kinitx ġiet ittowjata, iżda qalulu li le, u dan filwaqt li x-xhud ikkonferma li fis-sistema tal-Pulizija ma kien jidher l-ebda rapport dwarha u lanqas fil-kotba tagħhom. Ix-xhud sussegwentement informa lis-Surġent bir-rapport li kien tniżżel bħala wieħed ta' serq. Ikkonferma li ħadd ma kien infurmahom, inkluż il-Kunsill Lokali, li l-vettura kienet ġiet irmunkata, u dan filwaqt li spjega li l-entitajiet li setgħu irmunkawha kienu Transport Malta, il-Kunsill Lokali u l-Pulizija. Spjega wkoll li jekk Transport Malta jew xi gwardjan lokali jirmunkaw vettura, dawn kienu jdaħħlu rapport l-Għassa tal-Pulizija, u b'hekk jidħol fis-sistema tagħhom u

jingħataw numru tar-rapport. Irrileva li jkun hemm ċirkostanzi fejn qabel ma tiġi rmonkata l-vettura jiġi avvzat is-sid, iżda huma mhux dejjem ikollhom in-numru tat-telefon tas-sid. Żied jgħid li ma kienx hemm bżonn li l-Pulizija jkunu preżenti meta tiġi rmonkata vettura. In kontro-eżami x-xhud ippreċiża li jista' jkun li dak iż-żmien il-Pulizija u Transport Malta biss setgħu jirmunkaw il-vetturi, u stqarr li huwa ma kienx jaf eżatt meta bdew jagħmlu dan ix-xogħol ukoll il-gwardjani lokali. Madankollu l-Kunsill Lokali kien tenut jinfurmahom lill-Pulizija. Għal dak li jirrigwarda l-vettura in kwistjoni, ma kienet waslitilhom l-ebda informazzjoni dwarha.

10. Xehed ukoll waqt l-istess udjenza **PS156 Ivan Attard**. Ikkonferma li l-entitajiet li setgħu effettivament jirmunkaw vetturi fl-2018 kienu l-Pulizija, Transport Malta u l-Kunsilli Lokali, anki dak ta' San Ġiljan. Qal li dawn tal-aħħar jew qabel jew wara l-irmonk kienu jinfurmaw lill-Pulizija, li kienu jniżżlu n-numru tal-vettura f'*log book* li kellhom fl-Għassa, flimkien mad-dettalji minn fejn kienet ġiet ittowjata u għal liema raġuni. Ikkonferma li l-Pulizija qatt ma kienu jkunu preżenti waqt li l-vettura tiġi rmonkata. Huwa kien ikkonferma li l-vettura ma kinitx imniżżla fil-*log book,* u kompla fuq ir-rapport ta' PC1052 Brian Tonna b'notament li l-vettura kienet ġiet misruqa. Ikkonferma li huwa kien mar fuq il-post u kkonstata li ma kien hemm l-ebda tip ta' irregolaritajiet, iżda ma setax jgħid jekk kien hemm xi tip ta' permessi meta l-vettura ġiet irmonkata. Spjega li l-post fejn tħalliet il-vettura minn Safwan Kalih kien f'lokalità residenzjali u ma kien qed isir l-ebda tip ta' kostruzzjoni. Huwa kien tkellem mas-sid fejn kienet ipparkjata l-vettura u dan kien qallu li l-*cameras* ma kienux jaħdmu. In kontro-eżami kkonferma li l-Kunsill Lokali ma jkollux id-dettalji ta' sid il-vettura kif

abbinati man-numru tagħha, u li s-soltu l-Pulizija tirċievi telefonata sabiex jekk possibbli s-sid tal-vettura in kwistjoni jiġi nfurmat li l-vettura tiegħu kienet ser tiġi rmonkata.

11. L-appellati nomine ppreżentaw affidavit ta' **Paul Spiteri** waqt l-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2021 fejn dan stqarr li filwaqt li l-appellant fl-affidavit tiegħu tal-25 ta' Settembru, 2020 qal li l-ewwel darba li huwa sar jaf li l-vettura tiegħu kienet ġiet irmunkata kien fit-12 ta' Marzu, 2019, huwa fil-fatt sar jaf b'dan sew qabel id-data msemmija minnu għaliex l-avukat tiegħu kien bagħat ittra legali fil-5 ta' Marzu, 2019.

12. Fl-aħħar udjenza tat-3 ta' Diċembru, 2021 xehed in kontro-eżami l-appellant. Qal li huwa ma kien ra l-ebda sinjal ta' *'no parking'* jew *'tow-zone'* meta ħalla l-vettura pparkjata, u ma kien osserva l-ebda xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Dakinhar kien il-Ħamis u sakemm mar għall-vettura t-Tnejn filgħodu, huwa ma kienx mar lura lejn l-imsemmija vettura. Meta ma sabiex fejn kien ħalliha, huwa mar l-Għassa tal-Pulizija jistaqsi jekk din kinitx ġiet irmonkata. Ma kien issemma xejn dwar il-Kunsill Lokali, u fil-fatt mill-Għassa bdew iċemplu lil Transport Malta. Qal li huwa ma kienx mar il-Kunsill Lokali għaliex ma kienx jaf li dan ukoll seta' jirmonka l-vettura. Imbagħad huwa kien irċieva telefonata kważi tliet xhur wara li huwa kien għamel rapport mal-Pulizija, u mar l-Għassa fejn qalulu li kienu ser jikkomunikaw miegħu sabiex jgħidulu meta seta' jmur għall-vettura tiegħu. Iżda huwa ma sema' xejn mingħand il-Pulizija, u għalhekk reġa' mar ikellimhom fejn tawh parir sabiex iħallas il-penali sabiex din ma tkompliex tiżdied.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Il-Qorti tikkonsidra li fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-appellant Safwan Kalih li l-vettura kienet ipparkjata kif suppost, ma tressqet l-ebda prova li meta l-appellant ħalla l-vettura in kwistjoni pparkjata fi Triq il-Kbira, San Ġiljan, għall-ħabta tal-5.00 wara nofsinhar fit-8 ta' Novembru, 2018[1] dan sar b'mod illegali jew irregolari. Tosserva li r-ritratti esebiti mill-appellat Paul Spiteri mmarkati minn Dok. KSG 1 sa Dok. KSG 8 a *fol.* 6 sa 13 tal-atti, kollha juru sinjal ta' *'No Parking'* kif maħruġ minn Transport Malta għal perijodu li kellu jibda jiddekorri fid-9 ta' Novembru, 2018, u għalhekk sussegwenti għall-ġurnata li fiha ħalla l-vettura pparkjata l-appellant.

14. Fix-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-udjenza tal-14 ta' Settembru, 2020, Paul Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali, xehed li ma kienx jaħseb li d-data ttimbrata fuq Dok. PS1[2], kienet tindika d-data li fiha huma jkunu rċevew ir-ritratti, iżda dan meta ftit qabel b'mod aktar loġiku ddikjara li *"...din id-data tindika wkoll meta tkun ġiet reġistrata l-korrispondenza li tkun waslet għandna".* Għalhekk il-Qorti hija aktar disposta li tifhem li kuntrarjament għal dak li qal l-istess xhud li l-avviż ikun twaħħal ta' mill-inqas jumejn qabel, dan wisq probabbli twaħħal dakinhar stess filwaqt li l-vettura tal-appellant kienet diġà pparkjata.

15. Għalkemm l-imsemmi xhud jiddikjara li *"...dwar il-kuntatt li sar ma' sid il-vettura, ngħid li jiena żgur da parti tiegħi li f'dan il-każ sar kuntatt ma' sid il-*

[1] Ara affidavit tal-appellant Safwan Kalih *a fol* 62.
[2] A *fol.* 39.

*vettura, però nista' ngħid ukoll li kull ma nafu aħna u ċioé kull ma jaf il-Kunsill Lokali huwa li aħna għamilna kuntatt mal-Pulizija...",* ma saret l-ebda prova li l-appellant jew saħansitra l-Pulizija kienu ġew mgħarrfa bil-fatt li l-vettura kienet ipparkjata f'post fejn kienu twaħħlu s-sinjali ta' *'no parking',* u sabiex din titneħħa minn hemm.

16. Pjuttost jirriżulta mix-xhieda ta' PS156 Ivan Attard[3] li min-naħa tagħhom il-Pulizija Eżekuttiva ma kienet irċeviet l-ebda rapport li l-vettura kienet ipparkjata taħt sinjal '*no parking'.* Qal espliċitament li *"... f'dan il-każ partikolari la jirrizulta li sar xi kuntatt magħna da parti tal-Kunsill Lokali, wisq inqas li l-Pulizija kelmet jew ippruvat tkellem lis-sid jew wettqet xi* towing *ta' din il-vettura".* B'dan il-Qorti tifhem li meta l-vettura nstabet ipparkjata taħt l-avviżi, ma sar l-ebda tentattiv mal-Pulizija sabiex is-sid jiġi mgħarraf b'dan u jintalab li jneħħi personalment il-vettura tiegħu minn hemm. Tgħid li anki wara li l-vettura ġiet irmonkata, ma saret l-ebda komunikazzjoni mal-appellant sabiex jiġu evitati spejjeż ulterjuri ta' kustodja tal-vettura. Dan filwaqt li skont l-istess PS156 Ivan Attard fix-xhieda tiegħu, il-prassi kienet li l-Pulizija tiġi nfurmata qabel jew wara.

17. Il-Qorti tikkonsidra li l-appellant m'għandux jinżamm responsabbli għall-ispejjeż ta' irmonk u dawk ta' kustodja tal-vettura tiegħu, stante li ma jirriżultax li dawn ġew provokati minn xi att illegali jew irregolari tiegħu.

---

[3] Seduta tal-14.09.20 a *fol.* 33 *et seq*.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' t-talba tal-appellant nomine kif dedotta fl-Avviż tat-Talba li ġie ppreżentat quddiem it-Tribunal, u dan bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u ta' din l-istanza kontra l-appellati, u bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**